**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Gunju 2021**

**Rikors Numru : 119/2021 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**MS**

**U**

**AS**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt ta' MS u AS, datat 18 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fis-6 ta' Novembru 1999 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok A;*

*Illi minn din l-ghaqda twieldu zewg tfal, JS u LS li twieldu f'X u Y rispettivament;*

*Illi l-istess partijiet ilhom jghixu hajja separata minn ma' xulxin ghal bosta snin, u fi kwalunkwe kaz ghal aktar minn l-ahhar erba' (4) snin;*

*Illi in vista tal-premess ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu, oltre illi z-zewg partijiet qed ighixu hajja indipendenti minn ma' xulxin;*

*Illi l-partijiet ifformalizzaw il-firda taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 10 ta' Marzu 2020, in atti Nutar Dr Jean Pierre Attard, li kopja tieghu tinsab hawn mehmuza u mmarkat Dok. B;*

*Illi għalkemm fi klawsola numru hdax (11) tal-kuntratt ta' separazzjoni hemm stipulat il-ħlas ta' manteniment pagabbli mir-Raġel lill-Mara, il-partijiet presenzjalment jikkonfermaw u jiddikjaraw illi m' hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti mir-Raġel lill-Mara, u jiddikjaraw li tali manteniment qed jitħallas regolarment;*

*Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma suffiċjenti sabiex jissoddisfaw l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta Malta.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet premessi:-*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien stipulat mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan l-istat ikun jista jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

3. *Tagħti u/jew tordna kull-provvediment ieħor li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviż tas-smigħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat id-digriet tagħha datat 7 ta' April 2021 (vide fol 15);

Rat in-Nota konġunta tal-partijiet datata 14 ta' Mejju 2021 (vide fol 13 et seqq.);

Rat id-digriet tagħha datat 25 ta' Mejju 2021 (vide fol 18);

Eżaminat ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id–dokumenti eżebiti u l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AS** xehdet (vide affidavit fol 14) illi l-partijiet izzewwgu nhar is-6 ta' Novembru 1999, u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied. Iddikjarat illi ilhom jghixu separatament ghal aktar minn ghaxar snin, u cioe' sa mill-2010. Sostniet illi fl-10 ta' Marzu 2020 l-partijiet iffirmaw separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni l-atti tan-Nutar Dottor Jean Pierre Attard. Xehdet illi MS ilu jghix wahdu f'post mikri ghal dawn l-ahhar 10 snin filwaqt li hi baqghet tghix mat-tfal fid-dar matrimonjali u dan bi qbil ma zewgha MS. Di piu', sostniet illi f'dawn l-ahhar ghaxar snin qatt ma rrikonciljaw u lanqas ma hemm prospett ragonevoli ta' dan. Finalment iddikjarat illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment.

**MS** xehed (vide affidavit fol 15) u kkonferma dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Novembru 1999, liema zwieg jgib c-certifikat numru 2048/1999 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, illum il-gurnata kwazi it-tnejn li huma maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Pierre Attard, nhar l-10 ta' Marzu 2020 (vide kuntratt ta' separazzjoni Dok B a fol 4 et seqq.). Il-kontendenti pero' ddikjaraw fix-xhieda taghhom illi huma ilhom jghixu **separatament sa mis-sena 2010**, ghalhekk jirrizulta illi ilhom separati de facto ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-partijiet ddikjaraw illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2048/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**